

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Lulju 2012

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness XX (Ambjent) ta' mal-Ftehim ŻEE

(2012/453/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Nru 976/2009 fir-rigward ta' servizzi ta' tniżżej u servizzi ta' trasformazzjoni (5) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (1), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 976/2009 tad-19 ta' Ottubru 2009 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-servizzi ta' Netwerk (2) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (3) ("il-Ftehim ŻEE").
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 268/2010 tad-29 ta' Marzu 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aċċess għal settijiet u servizzi ta' dejta ġeografiċa tal-Istati Membri mill-istituzzjoniet u l-entitajiet Komunitarji skont kundizzjonijiet armonizzati (4) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1088/2010 tat-23 ta' Novembru 2010 li jemenda r-Regolament (KE)

(1) ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

(2) ĠU L 274, 20.10.2009, p. 9.

(3) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

(4) ĠU L 83, 30.3.2010, p. 8.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1089/2010 tat-23 ta' Novembru 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interoperabilità ta' settijiet ta' dejta u servizzi spazjali (5) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 102/2011 tal-4 ta' Frar 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1089/2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interoperabilità ta' settijiet ta' dejta u servizzi spazjali (7) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(6) L-Anness XX (Ambjent) għall-Ftehim ŻEE għandu għal-hekk jiġi emendat kif meħtieġ.

(7) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni meħmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Anness XX (Ambjent) ta' mal-Ftehim ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li hu meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

(5) ĠU L 323, 8.12.2010, p. 1.

(6) ĠU L 323, 8.12.2010, p. 11.

(7) ĠU L 31, 5.2.2011, p. 13.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

*Għall-Kunsill
Il-President
V. SHIARLY*

ABBOZZ

DEĊIJONI NRU .../2012 TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

ta'

li temenda l-Anness XX (Ambjent) ta' mal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa ī-quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XX għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta'....⁽¹⁾
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 976/2009 tad-19 ta' Ottubru 2009 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-servizzi ta' Netwerk⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 268/2010 tad-29 ta' Marzu 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aċċess għal settijiet u servizzi ta' dejta ġeografiċa tal-Istati Membri mill-istituzzjoniet u l-entitajiet Komunitarji skont kundizzjonijiet armonizzati⁽³⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1088/2010 tat-23 ta' Novembru 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 976/2009 fir-rigward ta' servizzi ta' tniżżejjil u servizzi ta' trasformazzjoni⁽⁴⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1089/2010 tat-23 ta' Novembru 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-interoperabilità ta' settijiet ta' dejta u servizzi spazjali⁽⁵⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 102/2011 tal-4 ta' Frar 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1089/2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interoperabilità ta' settijiet ta' dejta u servizzi spazjali⁽⁶⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XX ta' mal-Ftehim jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-adattamenti (a) u (b) tal-punt 1j (id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) jinbidlu b'dan li ġej:

⁽¹⁾ ĠU L ...

⁽²⁾ ĠU L 274, 20.10.2009, p. 9.

⁽³⁾ ĠU L 83, 30.3.2010, p. 8.

⁽⁴⁾ ĠU L 323, 8.12.2010, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 323, 8.12.2010, p. 11.

⁽⁶⁾ ĠU L 31, 5.2.2011, p. 13.

"(a) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 6(a), 6(b) u 7(3) jinftieħmu li jinkludu perjodu addizzjonali ta' tliet snin.

(b) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, id-dati msemmija fl-Artikoli 21(2), 21(3) u 24(1) jinftieħmu li jinkludu perjodu addizzjonali ta' tliet snin."

2. L-adattament li ġej għandu jiżdied mal-punt 1jb (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/442/KE):

"Id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni għandhom, għall-finijiet ta' dan li ġej jiddah hal wara l-punt 1jb (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/442/KE):

(a) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, is-sena msemmija fl-Artikolu 11(2), it-tieni subparagrafu, tkun l-istess bħas-sena msemmija fl-Artikolu 18, kif adattat għall-Istati tal-EFTA.

(b) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, id-data msemmija fl-Artikolu 18 tinfiehem li tinkludi perjodu addizzjonali ta' tliet snin."

3. Dan li ġej jiddah hal wara l-punt 1jb (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/442/KE):

"1jc. **32009 R 0976:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 976/2009 tad-19 ta' Ottubru 2009 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-Servizzi ta' Netwerk (ĠU L 274, 20.10.2009, p. 9), kif emendat bi:

— **32010 R 1088:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1088/2010 tat-23 ta' Novembru 2010 (ĠU L 323, 8.12.2010, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan li ġej jiddah hal wara l-punt 1jb (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/442/KE):

Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, id-dati msemmija fl-Artikolu 4 jinftieħmu li jinkludu perjodu addizzjonali ta' tliet snin.

- 1jd. **32010 R 0268:** ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 268/2010 tad-29 ta' Marzu 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aċċess għal settijiet u servizzi ta' dejta ġeografiċa tal-Istati Membri mill-istituzzjoniet u l-entitajiet Komunitarji skont kundizzjonijiet armonizzati (ĠU L 83, 30.3.2010, p. 8).

Għall-finijiet ta' dan li ġej jiddah hal wara l-punt 1jb (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/442/KE):

Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-limiti ta' żmien stabbliti fl-Artikolu 8 jinftieħmu li jinkludu perjodu addizzjonali ta' tliet snin.

- 1je. **32010 R 1089:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1089/2010 tat-23 ta' Novembru 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-interoperabbiltà tas-settijiet tad-dejta u servizzi ġeografiċi (ĠU L 323, 8.12.2010, p. 11), kif emendat bi:
- **32011 R 0102:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 102/2011 tal-4 ta' Frar 2011 (ĠU L 31, 5.2.2011, p. 13)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 976/2009, (UE) Nru 268/2010, (UE) Nru 1088/2010, (UE) Nru 1089/2010 u (UE) Nru 102/2011 fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-..., sakemm in-notifikasi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim isiru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

*Is-Segretarji
għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

(*) [L-ebda rekwiżiti kostituzzjonal ma huma indikati.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonal.]